MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2011

Numru. 1115/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Yvonne Farrugia**

**vs**

**Khalil Mohamad**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Khalil Mohamad ta' 32 sena, bin Ahmad u Amena nee' Mohamed, imwieled Homs, is-Sirja fl-4 ta' Mejju 1978, residenti f'101, Flat 2, Psaila Street, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 33211(A) u n-numru tal-passaport Sirjan N 001926593 gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, fil-25 ta' Mejju 2009 jew fil-jiem ta' qabel, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew b'xi

mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, u cioe certifikat tal-VRT falz;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew b’xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, bhala operaturi jew persuni li kellhom licenzja biex jittestjaw, hargu certifikat li kien juri li l-vettura ghaddiet mit-test meta l-istess vettura ma kinitx giet ittestjata.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta’ Ottubru 2010 (esebit *a folio* 5 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-30 ta’ Marzu, 2011 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar l-20 ta’ Mejju 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, kkunsidrat il-fatt li ghandu fedina penali netta kif ukoll ikkunsidrat il-fatt li huwa kkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 42(a)(d), 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ir-Regolament 25(b) tal-SL 65.15, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tmintax(18)-il xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------